MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru 13/2012

Ir-Repubblika ta' Malta

kontra

Vladimir Repan

Illum 2 ta' Ottubru, 2013,

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza numru 13 tas-sena elfejn u tlettax (2013) migjuba kontra l-imsemmi Vladimir Repan detentur tal–passaport Slovakk numru BJ6558191

1. Fejn l-Avukat Generali fl-ewwel Kap ippremetta illi fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienet instabet sustanza susspetuza ġewwa *backpack* appartenenti lil passiġġier ta' Nazzjonalita' Slovakka u li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira tal-Airmalta mill-

Olanda via Brussel fil-Belġju bin-numru KM421 (Airmalta). Meta' l-pulizija marru fuq il-post l-akkużat ġie identifikat bħala l-persuna li kellu dan il-basket fil-pussess tiegħu, liema fatt effettivament ġie kkonfermat minnu.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tlettax ta' Ottubru u tas-sena elfejn u ħdax (2011) kif ukoll fil-ġimgħat ta' qabel, l-akkużat Vladimir Repan, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga herojina. Rriżulta ex admissis li l-akkużat kien ftiehem ma' persuni oħra li kellhom jgħaddulu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jżomm u jittraffika d-droga herojina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat Vladimir Repan ġie Malta fit-13 ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) biex jittraffika l-imsemmija droga. Hu filfatt xjentement u kunsenswalment ingħata u esegwixxa struzzjonijiet mogħtija lilu minn persuni oħra sabiex jibla' wieħed u tmenin (81) kapsula li kienu jikkontjenu s-sustanza illegali u perikoluża tal-herojina f'kull kapsula u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jdaħħal is-sustanza ġewwa pajjiżna u jgħaddi l-istess lil terza persuna oħra ai fini ta' traffikar, mingħajr ma jiġi interċettat mill-pulizija u/jew l-uffiċjali responsabbli. Hu kien anki ingħata struzzjonijiet sabiex jalloġġja ġewwa lukanda f'pajjizna u jistenna struzzjonijiet addizzjonali bl-iskop li jittraffika din is-sustanża lil ħaddieħor wara li jkun għaddihom mis-sistema tiegħu.

Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar tat-tlettax ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) mal-wasla tiegħu Malta, fejn effettivament kien diġa għadda xi uħud minn dawn il-kapsuli mis-sistema tiegħu. Dawn filfatt instabu ġewwa basket tal-plastik li nstab fil-*backpack* li l-akkużat kien qed iġorr fuqu fil-mument meta twaqqaf u ġie mfittex mill-uffiċċjali tad-Dwana fl-ajrupost Internazzjonali ta' Malta. Minn analiżi u eżamijiet li saru minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament d-droga herojina fl-ammont ta' seba mija disgħa u sebgħin punt disgħa u tmenin grammi (779.89grammi) u ċioe' mediċina perikoluża li titqies bħala

sustanza llegali skond il-Liġi tagħna, liema sustanza għandha l-valur ta' madwar ħamsa u tletin elf tmien mija erbgħa u sebgħin Euro punt erbgħa u disgħin ċentezmu (€35,874.94) bil-purita' ta' sitta u tletin fil-mija (36%).

Illi b'għemilu l-imsemmi Vladimir Repan sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Vladimir Repan ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Illi l-Avukat Generali fit-tieni kap ippremetta illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ċioe' kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mill-Olanda via Brussel lejn Malta permess tat-titjira bin–numru KM421(Airmalta), fejn tul il-vjaġġ kollu kellu l-pussess xjenti tal-kapsoli kontenenti s-sustanza li nstabet

u li sussegwentement irriżultat li hi d-droga herojina, li tirrapreżenta mediċina perikoluża u sustanza llegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens tal-akkużat stess, tant li hu xjentement rikeb l-ajruplan in kwistjoni wara li hallsulu għall-passaġġ tal-ajru bl-għarfien tal-iskop tal-vjaġġ u tal-kontenut tal-kapsoli li kien ingerixxa bl-intendiment aħħari li dawn jiġu pporgati minnu u sussegwentement mgħoddija lil terza persuna mal-wassla tiegħu hawn Malta, u dan tul il-vjaġġ kollu. Effettivament li kieku l-uffiċċjali tad-dwana ma' ndunawx bis-sustanza susspetuża, dawn il-kapsoli kienu ser jgħaddu f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Vladimir Repan sar ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta ma kellhux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Vladimir Repan, ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14,

15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara illi l-Avukat Generali fit-tielet Kap ippremeta illi Finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, minħabba l-fatt li l-kapsoli kienu qedgħin indubjament fil-pussess tal-akkużat effettivament fil-persuna tiegħu kif ukoll fil-basket tal-plastik li nstab fil-*backpack* li kien qed igorr fuqu dak il-hin meta twaqqaf fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li instabet ġo fih u fl-istess basket tieghu irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga herojina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. Tant hu hekk li kien hemm total ta' wieħed u tmenin (81) kapsola ilkoll kontententi s-sustanza imsemmija li bħala ammont indubjament ma tindikax skop ta' użu personali. In oltre l-akkużat effettivament ammetta l-intendiment tiegħu fir-rigward tal-kontenut ta' dawn il-kapsoli u fid-dawl taċ-ċirkostanzi kif imsemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Vladimir Repan sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Vladimir Repan ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak

li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Vladimir Repan pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Awwissu, 2013 fejn l-esponenti, filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Vladimir Repan ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuhu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' disa` (9) snin flimkien ma' multa ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), inkluz il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u immobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Vladimir Repan hati talli:

1. Assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet

tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

2. Importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

3. B'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Ikkunsidrat,

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tikkundanna lil hati Vladimir Repan ghal piena ta' prigunerija ghal-perijodu ta' disa` (9) snin flimkien ma' multa ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f' terminu ta' sena prigunerija kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elef u Euro u sitta u disghin centezmu (€1001.96), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------